**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (FIN. SERV.), LL.D.**

**ILLUM 27 ta' Awwissu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Omar Zammit)**

**vs.**

**Frederick Muscat (ID21884(M))**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat: **Frederick Muscat ta' 38 sena, iben Valentino u Antonia xebba Grech imwieled Pieta, nhar 18, ta' Dicembru 1983, detentur tal-karta ta' identita 21884M u residenti fil-fond 47, Ignazia, Flat 5, Triq Guzeppi Callus, Mosta.**

**<u>Akkuzat talli:</u>**

*1) Nhar 26 ta' Awwissu 2023 u fil-granet u xhur ta' qabel f'diversi hinijiet u bnadi fil-Gzejjer Maltin gab ruhu b'mod li huwa bi ksur tar-reat tal-fastidju skond l-artikolu 251A(1) u l-imgieba tieghu tammonta ghal segwiment ta' persuna bil-mohbi cioe lil Marie-Therese Muscat Cilia La Corte, (konjuga attwali u persuna li kellha tarbija komuni mieghu), u Eliza Muscat Cilia La Corte (dixxendenta tieghu) u dan billi ghamel kuntatt, jew ttanta li jaghmel kuntatt, ma Marie-Therese Muscat Cilia La Corte u Eliza Muscat Cilia La Corte u dan bi ksur ta' artikoli 251AA*

*(1); 251AA (2) u 251AA (3)(g), 251H(a); 251HA u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.*

*2) U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil Marie-Therese Muscat Cilia La Corte, (konjuga attwali u persuna li kellha tarbija komuni mieghu), u Eliza Muscat Cilia La Corte (dixxendenta tieghu) u dan bi ksur ta' artiklu 251A(1)(a); 251H(a); 251HA u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.*

*3) U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan huwa ta' fastidju ghal Marie-Therese Muscat Cilia La Corte, (konjuga attwali u persuna li kellha tarbija komuni mieghu), u Eliza Muscat Cilia La Corte (dixxendenta tieghu) u dan bi ksur ta' artiklu 251A(1)(b); 251H(a); 251HA u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.*

*4) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel injurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali lil Marie-Therese Muscat Cilia La Corte, jew, jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' artikoli 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.*

*Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Frederick Muscat ghall-beneficcju ta' Marie-Therese Muscat Cilia La Corte u Eliza Muscat Cilia La Corte u dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Marie-Therese Muscat Cilia La Corte u Eliza Muscat Cilia La Corte u f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.*

*Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini ta' artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-fedina penali tal-imputat (Dok OZ 7), il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok OZ 1) u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu u jikkonsulta ruhu mill-gdid mal-avukat tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu fejn il-Prosekuzzjoni rrilevat illi hija ma tinsistix ghal piena karcerarja effettiva izda ssuggeriet piena ta' *probation* billi l-imputat jehtieg l-ghajnuna u kif ukoll li jkun hemm ordni ta' protezzjoni. Minn naha taghha d-difiza kkonfermat li piena ta' *probation* tkun idonea sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna li jehtieg fiwaqt li ma sabet ebda oggezzjoni li jinhareg kontra l-imputat ordni ta' protezzjoni salv id-drittijiet paternali tieghu fil-konfront tal-minuri bintu.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk gew sodisfacentement ippruvati skond il-Ligi.

Illi meta tigi biex tikkunsidra u tikkalibra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-akkuzi *de quo*, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat u c-cirkostanzi ta' kif sehhew, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali tal-imputat. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet dwar il-piena fosthom il-fatt li l-Prosekuzzjoni sostniet li l-imputat ghandu bzonn ghajnuna u ssuggeriet li l-piena ghandha tkun fil-forma ta' *probation* liema sottomissjoni giet ukoll aderita mid-difiza.

Ghal dawn il-motivi, u wara l-kunsiderazzjonijiet sudetti, l-Qorti wara li rat Artikoli 251AA(1), 251AA(2), 251AA(3)(g), 251H(a), 251HA, 251A(1)(a), 251A(1)(b), 202(h), 339(1)(e), 412Ċ, 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Frederick Muscat (ID21884(M))** ħati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u **b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-hati taht ordni ta' *probation* ghal zmien ta' sentejn (2) bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment**. **Inoltre, b'applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qeda tagħti wkoll lill-ħati u tohrog kontra tieghu Ordni ta' Trażżin fir-rigward ta' Marie-Therese Muscat Cilia La Corte u Eliza Muscat Cilia La Corte liema Ordni huwa soggett ghall-**

**<u>kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni moghti kontestwalment u anness ma' din is-sentenza.</u>**

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u /jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta' *Probation* tigi moghtija lill-hati u kopja ohra tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal tal-probation li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat.

Il-Qorti tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem l-imputat u tal-partijiet involuti fil-mezzi kollha tax-xandir fl-interess suprem li tigi protetta l-identita tal-minuri.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma ngabet ebda prova in rigward.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess ghall-atti kollha ta' dawn il-proceduri u ta' din is-sentenza bil-mezz u fiz-zmien pprovdut mill-Ligi.

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**27 ta' Awwissu 2023**